**96. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

**KIRI TA' *LYSTER BARRACKS*, ĦAL-FAR, LIL ĦAL-FERĦ *HOLIDAY COMPANY LTD.***

Billi l-Gvern tar-Repubbklika ta' Malta beħsiebu jikri lill-Ħal-Ferħ Holiday Company Ltd. is-sit magħruf bħala Lyster Barracks, Ħal-Far, deskritt aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li s-sit magħruf bħala Lyster Barracks, Ħal-Far, jista' jiġi mogħti lill-imsemmija kumpanija, Ħal-Ferħ Holiday Company Ltd., għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

13.01.1978